DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI .....................................

DIRETTUR/REĠISTA: ...............................

*Notamenti*

## JUM FOST L-OĦRAJN

*p.39 (M)*

### TODD

**JEĦTIEĠ INŻOMM KALM.**

*(Leħġien – waħdu)* Jeħtieġ inżomm kalm. Paniku ma jsolvi ebda problema. Il-limiti jeħtieġ li ma jinqabżux... Il-manwal tal-management professjonali... Ikkonċentra, Josef! Aħseb.. Tippanikkjax... Il-manwal... X'jgħid?... Ma nistax niftakar...

Tafu bl-amment, ġifa! Aħseb!

*(paniku)* Il-ħin għaddej! Ikkonċentra! Kif issolvi problema ... Kif?... Problema...

Jeħtieġ proċess strutturat... Iva – niftakar - proċess strutturat - l-użu ta' teknika grafika tipprovdi l-aħjar soluzzjoni fi problema...

X'għandu x'jaqsam!!! Le - fi proċess - proċess *mhux* strutturat. *(trijonf żgħir!)* ...Dik hi!... Dik hi?...

X'jien ngħid? Ajma jdejja... Dak il-misħut te jagħli. Ara kif qed tintefaħ idejja. Ħamra nar... Żomm kalm! Proċess strutturat... Atteġġjament avversattiv lejn livelli amministerjali u ta' taħthom... ta' fuqhom... huwa kontroproduttiv... u sorpassat! Ajma jdejja... Jeħtieġ nispjegalhom. Jekk inżomm il-kalma, nispjegalhom kollox...

Le - xi x-xjafek! Ma nispjegalhom xejn! Mhux qabel iħalluni nkellem lil Anna. Anna - 'qas inkellem lilek ma jriduni. Inkellmek ftit kulma ridt, Anna. Nisma' leħnek qabel nidher quddiemhom... Dan x'jiġifieri ma jħallunix inkellem lil marti! Għandi kull dritt! Issa naraw mela ta' min tgħaddi! *(deċiż - aktar kalm)* Naf x'għandi nagħmel. U ħadd mhu se jżommni. Iżda jeħtieġ inħaffef. Il-ħin għaddej. *(<181)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..................................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF 39p.